MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 11/2015

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Jonathan Farrugia**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, tmien mija u disgha u hamsin Euro u seba' centezmi (€10,859.07) bilanc ghad-debitu fil-"Consumer Loan Account", tieghu mas-socjeta attrici (Dok "A") flimkien ma l-imghax ulterjuri mid-29 ta' Ottubru, 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema Loan giet moghtija lilu permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' Mejju, 2009 (Dok "B").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok "B") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Jonathan Farrugia (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' attrici kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Ottubru, 2012 (Dok "C") u tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur kontra l-konvenut.

Rat li Jonathan Farrugia gie debitament notifikat, ma deherx ghas-seduta tal-14 ta' Lulju 2014 u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta tal-14 ta' Lulju, 2015 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Lulju, 2015, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' ghaxart elef, tmien mija u disgha u hamsin Euro u seba' centezmi (€10,859.07), flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta' Ottubru, 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Ottubru, 2012 u tal-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------